


# *Innu ta' Ferħ* ta' Dun Karm
## il-Poeta Nazzjonali



Joseph P. Borg MA

**Din is-sena jaħbat għeluq il-ħamsin sena mill-mewt tal-Poeta Nazzjonali, anniversarju li qed jitfakkar minn bosta entitajiet, fosthom mill-Kor *Laudate Pueri* tal-Bażilika ta' San Ġorġ, ir-Rabat, Għawdex. Din il-kitba tagħti ħarsa ħafifa fuq wieħed mill-innijiet ta' Dun Karm, l-*Innu ta' Ferħ*, miġbur fost l-innijiet li ħareġ il-Kor fuq diska kompatta biex jikkommemora dan l-anniversarju għażiż.**

### Dun Karm: Ħjiel Bijografiku

Dun Karm Psaila twieled Ħaż-Żebbuġ fit-18 ta' Ottubru 1871 u tgħallem fl-Iskola tal-Gvern u s-Seminarju. Ġie ordnat qassis fit-18 ta' Mejju 1894 u beda jgħallem fis-Seminarju. Wara r-riformi ekkleżjastiċi tal-1910 Dun Karm mar jgħix għal żmien twil waħdu fi Triq l-Ifran, il-Belt, fejn għex sal-1936 u wara l-mewt t'ommu kien ispirat b'mod qawwi mis-solitudni li sab ruħu fiha.

Fl-1912 Mons. Pawl Galea u Ġużè Muscat Azzopardi ltaqgħu ma' Dun Karm fil-Palazz il-Belt u talbuh jiktbilhom poeżija bil-Malti għal rivista bl-isem *Il-Ħabib*. Kellha tkun din l-okkażjoni li wara snin twal ta' kitba bit-Taljan ħajritu jibda jikteb bil-Malti. Fi Frar tal-1912 l-ewwel poeżija ta' Dun Karm bil-Malti, *Quddiem Xbieha tal-Madonna*, miktuba fil-11 ta' Jannar 1912, dehret fl-ewwel ħarġa ta' *Il-Ħabib* fl-1 ta' Frar 1912. Kellu 40 sena.[1]

Minn dakinhar Dun Karm baqa' jikteb bil-Malti u poeżiji bħal *L-Innu Malti*, *L-Għanja tar-Rebħa*, *Lil Malta*, *Għal Dun Mikiel Xerri*, *Lil Mikiel Anton Vassalli* u *Wied Qirda* wassluh biex ikun magħruf bħala l-Poeta Nazzjonali – kif sejjaħlu Laurent Ropa b'dan l-isem f'Novembru 1935 fl-artiklu tiegħu "Malta et sa littérature" fir-rivista *La Grande Revue* stampata f'Tuneż: "Mgr. Carmelo Psaila, *alias* Dun Karm, fait figure de poète national".[2]

Bejn l-1914 u l-1936 Dun Karm ippubblika għadd ġmielu ta' poeżiji: *L-Ewwel Ward* (1914), *Ward Ieħor* (1920), *Il-Musbieħ tal-Mużew* (1920), *Non Omnis Moriar* (1927) u *L-Oqbra* (1936). Fl-1921 kien wieħed mill-fundaturi tal-Għaqda Kittieba tal-Malti (illum magħrufa bħala L-Akkademja tal-Malti) u nħatar it-tieni President tal-Għaqda fl-1928 u kien l-editur ta' *Il-Malti* sal-1942. Fl-1921 Dun Karm sar Assistent Bibljotekarju fil-Bibljoteka tal-Belt u fl-1924 sar Direttur tal-Libreriji Ċirkulanti. Fl-1922 l-Arċisqof Caruana għamel lil Dun Karm Monsinjur Onorarju tal-Katidral.[3]



L-innu *T'Adoriam Ostia Divina* (jibda "Nadurawk, ja Ħobż tas-sema") li huwa kiteb fl-1913 xtered mad-dinja kollha bis-saħħa tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali. L-*Innu Malti* miktub minnu tkanta għall-ewwel darba fl-1923 u aktar tard sar magħruf bħala l-Innu Nazzjonali u tniżżel fil-Kostituzzjoni tal-1964 u tal-1974.

Fl-1936 Dun Karm irtira mix-xogħol fil-Bibljoteka, mar jgħix Tas-Sliema u beda jaħdem fuq id-Dizzjunarju Ingliż-Malti mniedi mill-Gvern. L-aqwa xogħol tiegħu, *Il-Jien u Lil Hinn Minnu* ppubblikah fl-1938. Sentejn wara t-tabib Ġużè Bonnici ġabarlu l-poeżiji fi tliet volumi, *Il-Għana ta' Dun Karm* (1939-40). Fl-1945 l-Università tagħtu l-grad ta' D. Litt (Hon. Causa) u sena wara ħa l-Midalja tad-Deheb Ġużè Muscat Azzopardi.

L-aħħar poeżija li kiteb bil-Malti, bħall-ewwel waħda, iddedikaha lill-Verġni Marija: *Lill-Madonna tal-Karmnu*.[4] Dun Karm miet fl-isptar tal-Blue Sisters fit-13 ta' Ottubru tal-1961, nofs seklu ilu, u jinsab midfun f'kappella fiċ-ċimiterju ta' Ħaż-Żebbuġ.

Dwar il-mogħdija ta' Dun Karm mit-Taljan għall-Malti, Oliver Friggieri jinnota: "Dun Karm beda jikteb bil-Malti fl-1912. Hija deċiżjoni importanti ħafna mhux biss għalih iżda għall-poeżija Maltija kollha ta' żmienu u sa ċertu punt ta' warajh ukoll. Bil-preżenza tiegħu bħallikieku bħala l-imħallef u l-kriterju ta' sħabu, daħlet dixxiplina teknika ġdida, imqar jekk dejjem fi ħdan l-ispazji fissi tal-mudelli romantiċi magħrufa".[5]

## Innijiet li jsaħħru

Dun Karm innifsu jistqarr li kien Mons. Francesco Ferris, dak iż-żmien kappillan militari, li fl-1916 ħajru jibda jikteb l-innijiet u l-ewwel tnejn kienu l-*Innu ta' Filgħodu* u l-*Innu ta' Filgħaxija*. Il-ħsieb wara dawn l-innijiet kien li jitkantaw mit-tfal tal-iskola, "u hekk titla' ġenerazzjoni li tkun taf tkanta dawk l-innijiet u bil-mod il-mod dawn jidħlu wkoll fil-knejjes."[6] Il-ħsieb seħħ ħafna snin wara meta fl-1927 Mons. Ferris inħatar Ministru tal-Edukazzjoni u talab lis-Surmast Giuseppe Caruana biex jikkomponi l-mużika għal dawn l-innijiet. Innijiet oħra magħrufa sew huma *Fil-Hlewwa ta' Mejju* u l-innu *Lill-Qalb ta' Ġesù*.

Dawn l-innijiet mużikati mis-Surmast Giuseppe Caruana b'melodiji tant ħelwin, jiġbru fihom bosta ħsibijiet profondi mfissra b'mod l-aktar sempliċi. "Huma teżor li jistħoqqlu jibqa' magħruf u ma jitħalliex jintesa".[7] Ħasra tassew li llum ftit li xejn għadna nisimgħuhom jitkantaw fil-knejjes tagħna, bl-eċċezzjoni ta' *Fil-Ħlewwa ta' Mejju*, li għadu popolari. Prof. Joseph Vella jistqarr li "fil-kamp tal-innu reliġjuż, isem Dun Karm huwa intrinsikament marbut ma' dak ta' Giuseppe Caruana. Dan il-kompożitur, li forsi f'forom mużikali aktar miftuħa ma tantx ħalla impatt qawwi fuq ix-xena lokali, bla dubju ta' xejn jispikka fuq nett fl-espressjoni ta' din it-tip ta' minjatura. Minn dan l-aspett melodiku, personalment inqis lil Caruana bħala x-"Schubert" tal-mużika Maltija. Il-freskezza niedja primaverili ta' *Fil-Ħlewwa ta' Mejju*, l-espressjoni mqanqla ta' *Tina l-Ħlewwa*, is-sentiment reliġjuż ta' *Nadurawk, ja Ħobż tas-Sema*, it-tama mwiegħda ta' bidu ġdid fl-*Innu ta' Filgħodu*, u s-sodisfazzjon għajjien tal-*Innu ta' Filgħaxija*, innijiet li Dun Karm għaraf jgħaddilna fi kliem tant mirqum u profond, huma kollha espressi b'mod insuperabbli fil-mużika ħelwa ta' Caruana".[8]

Fil-biċċa l-kbira tagħhom, l-innijiet jesprimu "t-twemmin u l-emozzjoni mqanqla mit-twemmin (jew minn xi argument ieħor, politiku, ideoloġiku). L-innu reliġjuż jislet il-kontenut Teoloġiku u jbiddlu f'taħdit poetiku msieħeb mas-sentiment popolari biex jinftehem u jinħass".[9] Wara l-Konċilju Vatikan II, ħafna innijiet mill-imgħoddi u oħrajn ġodda bil-Malti bdew jitkantaw fil-liturġija tal-Knisja, u għandna għadd ġmielu ta' pubblikazzjonijiet tagħhom. Imma ħafna aktar qabel, fid-daħla tiegħu għall-volum tal-innijiet tal-Knisja maqlubin mil-Latin u mfasslin f'forma poetika Maltija, Ludovik Mifsud Bonnici (1796-1879) diġà kien fisser din ix-xewqa li joffri l-innju reliġjuż bħala alternattiva għall-għana popolari meta jistqarr: "Jiena ġibt dawn l-inni bil-Malti biex min ma jifhimx il-Latin jista' jifhem, itiegħem, jitgħallem, u jgħallem fuq kollox lil dawk li ma jafux ħlief jgħannu..."[10]

Minkejja li bħala xogħlijiet letterarji l-innijiet jitqiesu bħala minuri ħdejn oħrajn bħal ngħidu aħna s-sunetti u l-poema *Il-Jien u Lil Hinn Minnu*, b'danakollu, "f'dik li hi komunikazzjoni huma l-aħjar xhieda ta' kif il-poeta letterarju jersaq lejn il-poeta popolari, jew l-għannej, u jqiegħed fuq fomm il-komunità damma ta' motivi li huma tagħha stess, imlibbsin bid-dinjità tal-kelma mirquma u mbiddlin f'melodija".[11] Aktar minn hekk, "Dun Karm ġabar l-innu popolari u tellgħu għal livell ogħla ħafna, billi tah dinjità letterarja, u xeħet fih tonalità solenni u elevata li fl-istess ħin ma titbiegħedx mil-livell kulturali medju tas-soċjetà. Din is-sintesi tispjega l-valur u s-suċċess tagħhom".[12]

Friggieri jifred l-innijiet ta' Dun Karm fi tnejn: dawk ċivili u dawk reliġjużi. Minkejja dan, minħabba l-viżjoni Maltija tal-poeta, ftit li xejn jinfirdu minn xulxin billi ċ-ċiviltà u l-fidi "jissieħbu flimkien biex isawru esperjenza sħiħa waħda. L-ispunti ċivili huma maħlula fi spunti reliġjużi, waqt li l-kontenut tal-fidi jitbiddel minnufih f'wirja taċ-ċiviltà tal-poplu".[13] Fost oħrajn, nistgħu ngħoddu mal-innijiet ċivili *L-Innu tal-Ħaddiema*, *Lil Ħuti l-Maltin nhar l-Għoti tal-Kostituzzjoni*, *Innu għat-Tfal tal-Iskola*

*San Mikiel* u l-*Innu Malti*.[14] Min-naħa l-oħra, Dun Karm kiteb aktar innijiet reliġjużi li fil-qofol tagħhom insibu l-qima, ir-radd tal-ħajr, it-talb għall-għajnuna fit-tbatija u l-istqarrija tal-fidi, ħafna drabi ispirata mill-persunaġġi u mill-festi li jimlew il-kalendarju liturġiku u parrokkjali. Friggieri jikkonkludi li "fuq kollox, l-innijiet jorbtu t-teoloġija ma' żewġ aspetti ewlenin: it-tbatija tal-bniedem u s-seħer tal-pajsaġġ".[15]

## Il-Kor *Laudate Pueri* u d-diska kompatta *Tina l-Ħlewwa*

Kienet għalhekk ħaġa xierqa tassew li l-Kor *Laudate Pueri* jfakkar lill-Poeta Nazzjonali tagħna bil-ħruġ tas-CD *Tina l-Ħlewwa* li tiġbor uħud mill-aqwa innijiet reliġjużi ta' Dun Karm. Din id-diska kompatta tinkludi *L-Innu tal-Kungress Marjan*, *Innu lill-Qalb ta' Ġesù*, *Innu lil Madonna*, *Għedtilna Kelma*, *L-Innu Ewkaristiku*, *Innu ta' Ferħ*, *Innu ta' Filgħodu*, *Innu lil Sidtna Marija tal-Għar*, *Nirien ta' Mħabba*, *Innu ta' Filgħaxija* u l-*Innu Malti* bit-tama li jerġgħu jinstemgħu jidwu fil-knejjes tagħna.




Il-Kor *Laudate Pueri* twaqqaf uffiċjalment fl-1976 minn Mons. Dr Ġużeppi Farrugia, illum Arċipriet Emeritu, fil-parroċċa bażilika ta' San Ġorġ, ir-Rabat, Għawdex. L-għan ewlieni tal-kor kien minn dejjem il-kultivazzjoni u l-promozzjoni tal-mużika sagra fil-kuntest liturġiku, b'enfasi partikulari fuq il-melodija Gregorjana u l-polifonija sagra. Huwa l-ewwel kor Malti li kanta bħala kor b'ilħna femminili biss (SSAA). Kien mistieden ikanta fl-Italja, Franza, l-Ingilterra u New York u f'Ġunju 2007 ġie mistieden mid-direttur tal-Kor Papali *Cappella Sistina*, Mons. Giuseppe Liberto, biex jieħu sehem fil-Quddiesa Papali tal-kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca fi Pjazza San Pietru fil-Vatikan.

Fi kliem il-Prof. Joseph Vella, li ħa ħsieb l-arranġamenti *a quattro voci* ta' xi innijiet, "dan il-proġett jaf l-għeruq tiegħu lis-sena 1986, meta f'għeluq il-ħamsa u għoxrin sena mill-mewt ta' Dun Karm, kienet ġiet organizzata f'ġieħu serata kommemorattiva fil-Katidral tal-Imdina. Bħala l-uffiċjal inkarigat mill-mużika fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, kont ġejt mistieden nipprovdi l-mużika għal din l-okkażjoni. Billi diġà kont ħdimt fil-qrib u kont naf bil-potenzjal u l-ħila tal-Kor *Laudate Pueri* tal-Bażilika ta' San Ġorġ, iddeċidejt li nagħmel xi ħaġa kompletament innovattiva billi nirranġa għal erba' vuċijiet femminili *a cappella* ħames innijiet ta' Dun Karm u Caruana, li kienu jinkludu wkoll l-*Innu Malti*. It-tessitura u l-bravura ta' dan il-kor żguraw li din l-inizjattiva kienet se tkun suċċess notevoli."[16] Imma f'din id-diska kompatta nsibu wkoll kompożizzjoni ta' Prof. Vella stess, kif jikkonkludi hu nnifsu fin-nota editorjali li nsibu fil-ktejjeb mehmuż mas-CD: "inħossni wkoll onorat li ġejt mistieden biex bħala kompożitur nikkontribwixxi għal dan il-proġett billi nimmużika innu ieħor ġdid fuq kliem ta' Dun Karm: *Innu ta' Ferħ*."[17]

## L-*Innu ta' Ferħ*

Dun Karm kiteb għadd sabiħ ta' poeżiji, fosthom sunetti, li fihom fisser seħer imħabbtu lejn il-Madonna hu u jpitter bi kliemu kwadri mill-ħajja ta' Marija Omm Alla. Ngħidu aħna, fis-sunett *Bjuda*, mingħajr ma jsemmiha b'isimha, jagħrafha bħala "Tfajla Lhudija/li kienet xebba u kellha 'l binha f'idha" u filwaqt li jirreferi bl-aktar mod sottili iżda fl-istess ħin ħafif, għall-Misteru tal-Inkarnazzjoni, jagħtina dehra bikrija ta' Marija bħala Omm Alla tħaddan lil binha Ġesù, tarbija. Dun Karm innifsu jagħtina l-ħsieb tas-sunett: "Omm Ġesù... filwaqt li għandha l-ġieħ ta' omm, għandha l-ġieħ ta' xbubija bla tebgħa".[18]

Imma l-aktar żewġ poeżiji li jagħtuna deskrizzjoni dettaljata tat-tħabbira tal-Anġlu Ġabriel lill-Madonna huma s-sunett Petrarkjan bit-Taljan *L'Annunziata* u l-*Innu ta' Ferħ*, li fih ukoll ipitter il-mument kbir tal-Misteru tal-Inkarnazzjoni u li kif fissirna jinsab reġistrat fid-diska kompatta *Tina l-Ħlewwa*.[19]

Dun Karm kiteb l-*Innu ta' Ferħ* fis-6 ta' Jannar 1936 u xandru f'*Il-Malti*, ir-rivista tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, fit-tielet ktieb tal-1939.[20] Ġużè Cardona, fil-bijografija tiegħu ta' Dun Karm, jgħidilna li l-Innu nkiteb "għall-Parroċċa ta' Ħal Tarxien... biex jitkanta fil-Proċessjoni ta' Nhar il-Lunzjata". B'danakollu, is-sottotitlu, kif jidher

f'*Il-Malti* jgħid biss "biex jitkanta fil-Proċessjoni ta' Nhar il-Lunzjata". Alfred Massa jikkonferma r-rabta li għandu dan l-Innu ma' Ħal Tarxien meta jindikalna li "dan l-Innu, immużikat minn Mro Joseph Casapinta li għamel żmien relattivament twil bħala *maestro di cappella* tal-istess parroċċa, għadu jitkanta sal-lum fil-jien tan-Novena".[21]

*Innu ta' Ferħ* huwa mfassal fuq disa' strofi kwartini bir-rima mqabbża a – b – ċ – b; wara kull par mibnijin fuq id-dekasillabu (il-vers tal-għaxra) insibu strofa bis-settenarju (il-vers tas-sebgħa). Ninnutaw li f'kull kwartina nsibu li t-tieni u r-raba' vers huma bit-tronk, bl-aħħar aċċent tal-vers fuq l-aħħar sillaba.

Fil-qofol tiegħu, *Innu ta' Ferħ* jitkellem fuq il-fidwa tal-bniedem mill-jasar tad-dnub, u għalhekk hemm rabta kbira mal-annunzjazzjoni ta' Marija u l-Pjan tas-Salvazzjoni. Il-poeta japostrofizza lill-ġens "imjassar fil-għera tad-dnub" u jagħmillu kuraġġ billi jsib faraġ fil-"kelma ħanina minn Alla" li Marija tilqagħha fi ħdanha: "titwettaq fija kelmtek / ħa jasal il-Feddej".

Il-poeta jinqeda b'allużjonijiet marbuta mal-fidwa tal-poplu Lhudi kif tidher fit-Testment il-Qadim ("ġens imjassar"; "tiġġerra bla faraġ"; "ktajjen tal-jasar"; "ħelsien"; "għadu midrub") imma l-patt kif imfisser fit-Testment il-Ġdid jikxfilna minnufih li l-Messija ma ġiex biex isalva lil xi ġens partikulari imma inkarna ruħu biex jifdi lill-umanità kollha, kif insibu fil-vanġelu ta' San Mattew f'taqsima 8, 11 u b'mod partikulari t-tmiem tal-erba' evanġelji, meta Ġesù jagħti l-missjoni lill-appostli: "l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'Ismu lill-ġnus kollha" (Luqa 24, 47) u "Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha" (Mattew 28, 19). Din hi l-"Wegħda tas-smewwiet" (v. 12) li nsibu fil-poeżija u kif Marija taċċetta f'ġufha l-Iben t'Alla, l-aħbar "bħal berqa tixtered mad-dinja" – għax is-salvazzjoni hi għal kulħadd.

Matul il-poeżija għandna l-vuċi tal-persona lil qed tindirizza lil dan il-"ġens" li mhux ħlief il-poplu t'Alla fil-mument tal-ħelsien tiegħu "mill-għera tad-dnub" (vers 2). Huwa l-mument tal-verità għall-umanità kollha "li sa tbiddel ix-xejra taż-żmien" (vers 16) u waqt li jiddeskrivi l-miġja tal-"Anġlu, tal-Fidwa ħabbar" (vers 8) mingħajr ma jsemmi ismu, fl-Innu jinqeda darbtejn bil-kelma "Ħabbar" b'riferenza ċara għall-Anġlu Gabriel (vers 6 u 17). Din il-metonimija Dun Karm jużaha wkoll għal Marija meta jirreferi għaliha bħala "t-Tfajla sabiħa ta' Ġesse" (vers 5 u vers 31) imma jsejħilha b'isimha darbtejn meta jerġa' jagħtina r-rakkont evanġeliku tat-tħabbira tat-twelid tal-Messija f'San Luqa (1, 28-35). It-tislima, jew aħjar is-"Sliema" nagħrfuha hekk kif il-vuċi tal-persona ddub f'dik tal-Arkanġlu Gabriel, speċjalment fit-tielet u d-disa' strofa, waqt li l-leħen ta' Marija jinstema' fis-sitt strofa. Dawn, bi ħsieb, għandhom metru differenti mill-bqija kif spjegajt qabel.

Dun Karm jinqeda bl-iperbole, kif insibu ħafna drabi fil-poeżija romantika, bħal ngħidu aħna fi strofa sebgħa u fl-istess ħin jurina l-kobor tal-Misteru tal-*Verbum Dei Caro Factum Est* li fi kliemu hi ħaġa tal-"Għaġeb" (vers 28). Dan jibbilanċjah mal-figura safja, umli u ħelwa ta' Marija, imqar fil-kalma tal-ambjent li fih hi tinsab waqt il-laqgħa tagħha mal-Ħabbar "fis-satra tad-dar" (vers 8). Is-safa ta' Marija jidher fl-aħħar strofa: "li dnub ma tafx x'inhu" (vers 34) u hekk jorbotna mad-domma tal-fidi "imnissla mingħajr tebgħa" filwaqt li l-umiltà tal-Madonna tidher fl-aqwa tagħha fil-vrus: "Jekk bix-xejn tiegħi għoġbu / jitgħaxxaq il-Mulej, / titwettaq fija kelmtek, / ħa jasal il-Feddej." (strofa 6). Qabbel mal-kantiku ta' Marija, "hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu" (Luqa 1, 48).

*Innu ta' Ferħ* jidher sħiħ hawn taħt, kif kitbu Dun Karm u kif deher f'*Il-Malti* fl-1939. Huwa innu enkomjastiku, għax fih nilmħu l-glorja, il-ġieħ u l-qima lil Marija, it-tfajla ħelwa u umli ta' Nażaret, imfaħħra qabel xejn mill-Arkanġlu Gabriel waqt li jaċċertaha li "mhix ħolma dil-fawra ta' mħabba".

Nittamaw li *Innu ta' Ferħ* nibdew nisimgħuh jidwi fil-knejjes tagħna, u miegħu jinstemgħu bħal dari l-innijiet l-oħra ta' Dun Karm.

## Innu ta' Ferħ

Iftaħ qalbek għall-hena tas-Sema,
ġens imjassar fil-għera tad-dnub;
ilek tibki w tiġġerra bla faraġ,
b'qalbek mejta, bi ħsiebek midrub:

ara t-Tfajla sabiħa ta' Ġesse,
ara l-Anġlu, tal-Fidwa ħabbar;
isma' l-kelma ħanina minn Alla
xi ddoqq ħelu fis-satra tad-dar:

Is-sliem għalik, Marija,
int xebba tax-xebbiet,
tkun omm, u fik titwettaq
il-Wegħda tas-smewwiet.

Kisser, kisser il-ktajjen tal-jasar;
ibda l-għanja tal-ferħ, tal-ħelsien:
le, mhix ħolma dil-fawra ta' mħabba
li sa tbiddel ix-xejra taż-żmien.

Il-Ħabbar illi stenna t-tweġiba
qed jitbissem, hemm dija f'għajnejh;
ħarġet kelma mill-fomm ta' Marija,
li qatt bħalha ma semgħu widnejh:

Jekk bix-xejn tiegħi għoġbu
jitgħaxxaq il-Mulej,
titwettaq fija kelmtek,
ħa jasal il-Feddej.

Dalwaqt tasal fid-dija tas-Sema
fuq il-ħeffa tal-ġwienaħ l-aħbar;
dalwaqt tisma' fuq l-arpi tal-Ġenna
idoqq l-innu tal-Għaġeb li sar;

u bħal berqa tixtered mad-dinja
it-tnedija tal-għadu midrub,
u lit-Tfajla sabiħa ta' Ġesse
toħroġ l-għajta ferrieħa mill-qlub:

Is-sliem għalik, Sultana,
li dnub ma tafx x'inhu;
int ftaħt il-bwieb tas-Sema,
Omm ħelwa ta' Ġesù.

**Dun Karm**
08.06.2011

**Referenzi**

[1] Oliver Friggieri, *Dun Karm* (Malta: edizzjoni Toni Cortis, 1989) 8. L-ewwel poeżija bit-Taljan tiegħu kienet 'La dignità episcopale' mxandra fl-1889. *Foglie d'alloro*, kien l-ewwel ktieb ta' poeżiji bit-Taljan ta' Dun Karm li ħareġ fl-1896. Fl-1903 ħareġ *Versi*, ktieb bi ftit poeżiji bit-Taljan stampat f'Palermo.

[2] Oliver Friggieri, *Dun Karm – Il-Bniedem fil-Poeta* (Malta: Klabb Kotba Maltin, 1980) 89. Ropa, wild Għawdxi, twieled ix-Xagħra (bil-kunjom Rapa) u ta' sentejn emigra mal-ġenituri tiegħu lejn Bona, l-Alġerija. Fis-snin tletin kien l-editur tar-rivista *Melita* li fiha kien jippubblika poeżiji Maltin maqlubin għall-Franċiż, flimkien ma' studji kritiċi tal-letteratura Maltija. Fl-1932 stampa *Anthologie des Poetas Neo-Classiques* u fl-1937 ħareġ *Poetes Maltais*. Laurent Ropa qaleb il-poema ta' Dun Karm *Il-Jien u Lil Hinn Minnu* għall-Franċiż u ppubblikaha fir-rivista *Melita* tal-5 ta' Frar 1939, f'Susa, it-Tuneżija.

[3] Minbarra l-bijografiji ta' Oliver Friggieri msemmija diġà, ara wkoll il-bijografija *Dun Karm – Ħajtu u Ħidmietu* ta' Ġużè Cardona (Malta: Klabb Kotba Maltin, 1972).

[4] Il-poeżiji kollha ta' Dun Karm bil-Malti u bit-Taljan inġabru għall-ewwel darba mill-Prof. Oliver Friggieri: *Dun Karm – Il-Poeżiji Miġbura* (Malta: Klabb Kotba Maltin, 1980) u *Dun Karm – Le Poesie Italiane* (Malta University Press, 2007).

[5] Oliver Friggieri (ed.), *Il-Poeżiji Maltija* (Malta: Malta University Publishers, 1996) xxxvi.

[6] Dun Karm, 'Kif saru l-innijiet – "Ta' Filgħodu", "Ta' Filgħaxija", "Ta' Mejju" u "Ta' Ġunju jew Tal-Qalb ta' Ġesù"', *Leħen il-Malti*, April-Ġunju 1944, għadd 158-160 (Malta: Għaqda tal-Malti – Università) 46-48.

[7] Ġużè Cardona, *Dun Karm (1871-1961) – Poeta Nazzjonali – Tifkira f'għeluq il-25 sena minn mewtu* (Malta: Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Ambjent, 1986) 17.

[8] Joseph Vella, 'Nota Editorjali', *Tina l-Ħlewwa – Dun Karm Psaila- Innijiet* [ktejjeb mehmuż mad-diska kompatta] (Malta: Uffiċċju tal-Prim Ministru, 2011) 14.

[9] Oliver Friggieri, *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji* (Malta: PEG, 2000) 310.

[10] Friggieri, *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji*, 311.

[11] Friggieri, *Dun Karm*, 89-90.

[12] Friggieri, *Dun Karm*, 90.

[13] Friggieri, *Dun Karm*, 90.

[14] Għal tagħrif dettaljat dwar l-oriġini tal-mużika u l-kitba tal-*Innu Malti* ara *Analiżi tal-Versi tal-Innu Malti* ta' Oliver Friggieri (Malta: Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ, 2009).

[15] Friggieri, *Dun Karm*, 92.

[16] Vella, 'Nota Editorjali', 14.

[17] Vella, 'Nota Editorjali', 14.

[18] Ġużè Cassar Pullicino, *Dun Karm – Tagħrif Ġdid u Noti Kritiċi* (Malta: PEG, 1985) 56

[19] 'L-Annunziata' dehret għall-ewwel darba fil-ktieb *Foglie d'alloro* ta' Dun Karm, ippubblikat f'Malta minn Alessandro A. Farrugia, fl-1896, p. 13. Ara wkoll l-artiklu ta' Alfred Massa, 'Sunett bit-Taljan ta' Dun Karm Psaila dwar il-Lunzjata' (Malta: Każin tal-Banda San Gabriel, Ħal Balzan, 2010) 76-77.

[20] Ġużè Cardona ma jagħtix riferenza korretta meta jindika li *Innu ta' Ferħ* deher f'*Il-Malti* ta' Settembru 1938. Il-poeżija dehret fit-tielet ktieb tal-1939 f'paġni 73-74.

[21] Massa, 'Sunett bit-Taljan ta' Dun Karm Psaila dwar il-Lunzjata', 77.